IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.7.2017
COM(2017) 396 final

ANNEX 1

ANNESS

ta' [...]

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill Konġunt CARIFORUM-UE tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, min-naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda tal-Anness IX tal-Protokoll I: Pajjiżi u territorji extra-Ewropej

ANNESS

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru …/2017 TAL-KUNSILL KONĠUNT TAL-CARIFORUM-UE

ta'...

stabbilit bil-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, rigward l-emenda għal Anness IX tal-Protokoll I: Pajjiżi u territorji extra-Ewropej

IL-KUNSILL KONĠUNT TAL-CARIFORUM-UE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tal-Protokoll I tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll I tal-Ftehim – *Dwar id-Definizzjoni tal-Kunċett ta' "Prodotti Oriġinarji" u Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva* – jiddefinixxi Pajjiżi u Territorji extra-Ewropej (Overseas Countries and Territories - OCTs) bħala li tfisser il-Pajjiżi u t-Territorji extra-Ewropej imniżżla fl-Anness IX tiegħu;

(2) Wara l-bidla fl-istatus ta' Mayotte[1] u Saint Barthélemy[2], u d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea[3], il-lista ta' pajjiżi u territorji extra-Ewropej fl-Anness IX tal-Protokoll I tal-Ftehim jinħtieġ li tiġi aġġornata,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Anness IX tal-Protokoll I huwa mibdul bl-Anness li jinsab mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi […]

Magħmul fi [……] fil- [……] 2017.

Għall-Istati tal-CARIFORUM *Għall-Parti tal-UE*

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/419/UE tal-11 ta' Lulju 2012 li temenda l-istatus ta' Mayotte fir-rigward tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 204, 31.7.2012, p. 131).

2 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/718/UE tad-29 ta' Ottubru 2010 li timmodifika l-istatus tal-gżira ta' Saint-Barthélemy fir-rigward tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 325, 9.12.2010, p. 4).

3 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 76, 15.3.2014, p. 56).

ANNESS IX tal-Protokoll I:

Pajjiżi u territorji extra-Ewropej

Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll "pajjiżi u territorji barranin" tfisser il-pajjiżi u t-territorji msemmija fl-Anness II tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea elenkati hawn taħt:

(Din il-lista hija mingħajr preġudizzju għall-istatus ta' dawn il-pajjiżi u t-territorji, jew għat-tibdiliet futuri fl-istatus tagħhom.)

1. Il-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej li għandhom relazzjonijiet speċjali mar-Renju tad-Danimarka:
   - Il-Groenlandja.
2. Il-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej li għandhom relazzjonijiet speċjali mar-Repubblika Franċiża:
   - New Caledonia u d-Dipendenzi,
   - Il-Polineżja Franċiża,
   - Saint Pierre u Miquelon,
   - Saint Barthélemy
   - It-Territorji Franċiżi tan-Nofsinhar u tal-Antartiku
   - Wallis u Futuna
3. Il-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej li għandhom relazzjonijiet speċjali mar-Renju tan-Netherlands:
   - Aruba,
   - Bonaire,
   - Curaçao,
   - Saba,
   - Sint Eustatius,
   - Sint Maarten.
4. Il-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej li għandhom relazzjonijiet speċjali mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq:
   - Anguilla,
   - Bermuda,
   - Il-Gżejjer Cayman,
   - Il-Gżejjer Falkland,
   - South Georgia u s-South Sandwich Islands,
   - Montserrat,
   - Il-Gżejjer Pitcairn,
   - Saint Helena u d-Dipendenzi,
   - It-Territorju Brittaniku tal-Antartiku

– It-Territorju Britanniku tal-Oċean Indjan,
– Il-Gżejjer Turks u Caicos,
– Il-Gżejjer Verġni Britanniċi.